



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0071/2012**

27.3.2012

# RAPPORT

li fih ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-SEAE dwar in-negozjati rigward il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Azerbajġan (2011/2316(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Anneli Jäätteenmäki

RR\897461MT.doc

PE478.534v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	13

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**li fiha r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-SEAE dwar in-negozjati rigward il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Azerbajġan (2011/2316(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra n-negozjati li għaddejjin bejn l-UE u l-Azerbajġan dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Azerbajġan tal-10 ta' Mejju 2010, li fihom ġew adottati d-direttivi għan-negozjati,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u ta' Koperazzjoni (PCA) bejn l-Azerbajġan u l-Unjoni Ewropea, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999,
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Żvilupp tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) adottat fl-14 ta' Novembru 2006,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ffirmata mill-Presidenti tal-Armenja, tal-Azerbajġan u tal-Federazzjoni Russa fit-2 ta' Novembru 2008 f'Moska,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni konġunta ffirmata mill-Presidenti tal-Armenja, tal-Azerbajġan u tal-Federazzjoni Russa fit-23 ta' Jannar 2012 f'Sochi,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta maħruġa mis-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar fi Praga fis-7 ta' Mejju 2009,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar is-Sħubija tal-Lvant,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar iffirmata mill-President tal-Azerbajġan u mill-President tal-Kummissjoni fit-13 ta' Jannar 2011,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta maħruġa mis-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar f'Varsavja fid-29-30 ta' Settembru 2011,
- wara li kkunsidra l-Att Kostitwenti tal-Assemblea Parlamentari UE-Viċinat tal-Lvant (EURONEST) tat-3 ta' Mejju 2011,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fl-Azerbajġan tal-20 ta' Mejju, tas-27 ta' Mejju u tat-12 ta' Ottubru 2011,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar l-Azerbajġan, b'mod partikolari dik tat-

12 ta' Mejju 2011<sup>1</sup>,

- wara li kkunsidra r-rapport finali tal-OSCE/ODIHR dwar l-elezzjonijiet parlamentari tas-7 ta' Novembru 2010,
- wara li kkunsidra l-opinjoni dwar il-kompatibilità tal-leġiżlazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tar-Repubblika tal-Azerbajġan mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem li ġiet adottata mill-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa fl-14-15 ta' Ottubru 2011,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-abbozz ta' liġi dwar l-emendi għal-liġi dwar il-partiti politiċi tar-Repubblika tal-Azerbajġan li ġiet adottata mill-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa fis-16-17 ta' Diċembru 2011,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar il-Ħtieġa għal Strateġija tal-UE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-20 ta' Jannar 2011 dwar Strateġija tal-UE għall-Baħar l-Iswed<sup>3</sup> u tas-17 ta' Jannar 2008 dwar Approċċ Politiku Reġjonali għall-Baħar l-Iswed<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta dwar 'Reazzjoni ġdida għal viċinat li qed jinbidel' tal-25 ta' Mejju 2011,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat adottati fis-7 ta' April 2011<sup>5</sup> (Dimensjoni tal-Lvant) u fl-14 ta' Diċembru 2011<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rapport ta' Progress tal-Kummissjoni dwar l-Azerbajġan adottat fil-25 ta' Mejju 2011,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/518/PESK tal-25 ta' Awwissu 2011 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u għall-kriżi fil-Ġeorġja,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru. 13/2010 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-riżultati tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) fil-Kawkasu tan-Nofsinhar,
- wara li kkunsidra l-Programm ta' Azzjoni Nazzjonali ġdid biex tiżdied l-effettività tal-ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem fir-Repubblika tal-Azerbajġan li ġie approvat mill-President tal-pajjiż fis-27 ta' Diċembru 2011,
- wara li kkunsidra d-Digriet ta' Maħfra ffirmat mil-President tal-Azerbajġan fis-26 ta' Diċembru 2011,

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2011)0243.

<sup>2</sup> ĠU C161E, 31.5.2011, p. 136.

<sup>3</sup> Testi adottati, P7\_TA(2011)0025.

<sup>4</sup> ĠU C41E, 19.2.2009, p.64.

<sup>5</sup> Testi adottati, P7\_TA(2011)0153.

<sup>6</sup> Testi adottati, P7\_TA(2011)0676.

- wara li kkunsidra l-Artikoli 90(4) u 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0071/2012),
- A. billi l-Azerbajġan għandu rwol importanti fil-kuntest tas-Sħubija tal-Lvant tal-Unjoni Ewropea, u billi l-livell tat-tkabbir ekonomiku li l-Azerbajġan kellu f'dawn l-aħħar snin kien wieħed notevoli;
  - B. billi s-Sħubija tal-Lvant issaħħaħ ir-relazzjonijiet multilaterali bejn il-pajjiżi involuti, tikkontribwixxi għall-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenzi dwar il-kwistjonijiet relatati mat-trasformazzjoni, ir-riforma u l-modernizzazzjoni, u tipprovdi lill-Unjoni Ewropea bi strumenti addizzjonali biex tappoġġja dawn il-proċessi;
  - C. billi s-Sħubija tal-Lvant tipprovdi l-qafas politiku għat-tisħiħ ta' relazzjonijiet bilaterali permezz ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni ġodda, filwaqt li tikkunsidra s-sitwazzjoni speċifika, il-benefiċċji reċiproċi u l-ambizzjonijiet tal-UE u tal-pajjiż sieħeb u l-interess strateġiku tal-UE fl-istabbiltà u l-iżvilupp demokratiku tar-reġjun;
  - D. billi l-kooperazzjoni parlamentari, fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant Ewropea u b'mod bilaterali, hija element prinċipali sabiex tiġi żviluppata kooperazzjoni politika avvanzata bejn l-UE u l-Azerbajġan;
  - E. billi l-Azerbajġan sar fornitur importanti tal-enerġija għall-UE kif ukoll pajjiż importanti ta' tranżitu għar-riżorsi tal-enerġija li ġejjin b'mod partikolari mill-Asja Ċentrali u billi l-UE hija suq tal-enerġija importanti għall-Azerbajġan; billi sar progress tajjeb fil-qasam tal-kooperazzjoni fir-rigward tal-enerġija, li tinkludi l-appoġġ tal-Azerbajġan lill-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar;
  - F. billi l-Azerbajġan għandu rwol pożittiv fil-qafas tal-PEV u jikkontribwixxi biex jiġu solvuti l-problemi tal-UE rigward is-sigurtà tal-enerġija;
  - G. billi l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jikkostitwixxu l-qafas xieraq sabiex jissaħħu r-relazzjonijiet permezz tat-tisħiħ tal-assoċjazzjoni politika, l-integrazzjoni ekonomika u l-approssimazzjoni legali mal-UE u permezz tal-iżvilupp ta' relazzjonijiet kulturali, b'impatt importanti fuq il-proċess ta' demokratizzazzjoni;
  - H. billi, f'dan ir-rigward, id-dimensjoni multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant tikkomplimenta dik bilaterali u ma tistax tiġi separata minnha u għandha tiżviluppa b'mod simultanju man-negozjati tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni li qed isiru sabiex tiġi mwittija t-triq għall-implimentazzjoni sħiħa tagħhom u sabiex tiġi stabbilita l-bażi għal kooperazzjoni reġjonali ġenwina kif stipulat mill-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-Politika Ewropea tal-Viċinat;
  - I. billi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandu jwassal għal benefiċċji u opportunitajiet tanġibbli għan-nies tal-Azerbajġan u tal-Unjoni Ewropea;
  - J. billi l-Unjoni Ewropea poġġiet id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt bħala aspekk ċentrali tal-PEV;

- K. billi l-impenn attiv tal-Azerbajġan favur valuri u prinċipji komuni, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, it-tmexxija tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, huwa essenzjali biex il-proċess ikompli miexi u sabiex jassigura li n-negozjati u l-implimentazzjoni sussegwenti ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni jkun ta' sinifikat iżda billi bħalissa hemm tħassib rigward ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-libertà tal-espressjoni għall-avversarji politiċi tal-amministrazzjoni attwali;
- L. billi l-Azerbajġan mexa 'l quddiem b' mod rapidu fil-qasam tal-ICT, b' mod partikolari fir-rigward tal-governanza elettronika, li żżid it-trasparenza tal-amministrazzjoni pubblika u tgħin biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni u biex ikun hemm aċċess aktar faċli għas-servizzi pubbliċi u l-informazzjoni u tingħata spinta addizzjonali għad-demokratizzazzjoni tal-Azerbajġan;
- M. billi l-Assemblea Parlamentari Euronest se jkollha t-tieni Sessjoni Plenarja tagħha f' Baku f' April 2012, u b'hekk se tkun qed tipprovdi forum siewi biex jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mad-demokrazija, il-politika, l-enerġija, is-sigurtà u d-diffikultajiet soċjali;
- N. billi fir-relazzjonijiet tagħha mal-Armenja u l-Azerbajġan l-UE tirrispetta l-prinċipji ta' sovranià u ta' integrità territorjali u fl-approċċ tagħha għas-soluzzjoni tal-kunflitti reġjonali tappoġġja l-prinċipji bażiċi tal-Att Finali ta' Helsinki; billi l-kunflitt li ma nstabitx soluzzjoni għalih ta' Nagorno-Karabakh qed idgħajjed l-istabilità u l-iżvilupp tar-reġjun tal-Kawkasu tan-Nofsinhar u qed ifixkel l-iżvilupp sħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat; billi fil-Komunikazzjoni Konġunta tagħha dwar 'Reazzjoni ġdida għal viċinat li qed jinbidel' l-UE ddikjarat l-ambizzjoni tagħha li jkollha sehem aktar proattiv fir-risoluzzjoni tal-kunflitti fin-Nofsinhar tal-Kawkasu u li ssaħħaħ l-appoġġ tagħha biex tinbena l-fiducia u billi lesta li żżid l-involviment tagħha fil-forom fejn għad mhijiex rappreżentata, eż. il-Grupp ta' Minsk tal-OSKE;
- O. billi r-RSUE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar għandu r-rwol importanti li jikkontribwixxi għar-risoluzzjoni paċifika tal-kunflitti fir-reġjun;
- P. billi l-Azerbajġan qed juri li hu ferm impenjat fil-kooperazzjoni parlamentari multilaterali fl-Assemblea Parlamentari tal-Euronest u huwa l-ewwel pajjiż tas-Sħubija tal-Lvant li se jospita s-sessjoni plenarja tagħha (f' Baku fit-2-4 ta' April 2012);
- Q. billi l-ħatra tal-Azerbajġan fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għall-perjodu 2012-2013 toffri opportunità tajba għal aktar konsultazzjoni u allinjament tal-politiki tal-pajjiż mad-dikjarazzjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-UE sabiex jiġu promossi aktar paċi u stabbiltà internazzjonali;
1. Jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna: huma għandhom:
- (a) jassiguraw li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jkun qafas komplet u li jħares 'il quddiem għall-iżvilupp futur tar-relazzjonijiet mal-Azerbajġan, qafas li jsaħħaħ l-assoċjazzjoni politika, il-konverġenza ekonomika u l-approssimazzjoni tal-liġijiet u jirrifletti r-relazzjoni li l-Unjoni Ewropea u l-Azerbajġan iddeċidew li jiżviluppaw;
- (b) jiżguraw li n-negozjati dwar il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni UE-Azerbajġan u UE-Armenja,

bi qbil mat-talbiet magħmula fir-Rapport tal-Parlament dwar il-ħtieġa għal strateġija tal-UE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar fl-20 ta' Mejju 2010 u mal-Prinċipji Bażiċi tal-Grupp Minsk tal-OSKE, imnaqqa fid-dikjarazzjoni konġunta tal-'Aquila' tad-19 ta' Lulju 2009, ikollhom rabta ma' impenji kredibbli biex isir progress sostanzjali ħalli tinstab soluzzjoni għall-konflitt ta' Nagorno-Karabakh, inkluż permezz ta' miżuri biex titkattar il-fiduċja bħal pereżempju d-demilitarizzazzjoni ġenerali, l-irtirar tal-isnipers mil-linja ta' kuntatt, l-irtirar tal-forzi Armeni mit-territorji okkupati madwar Nagorno-Karabakh u r-ritorn tal-kontroll Azerbajġani, kif ukoll mekkaniżmu attiv għall-prevenzjoni tal-inċidenti u l-investigazzjoni ta' vjolazzjonijiet ta' waqfien mill-għied matul il-linja ta' kuntatt, id-dritt għal dawk il-persuni kollha spustati u refuġjati internament li jirritornaw lejn djarhom u l-proprjetà tagħhom u garanziji ta' sigurtà internazzjonali li jinkludu operazzjoni ta' żamma tal-paċi multinazzjonali u ġenwina sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet xierqa li jwasslu fil-futur għall-espressjoni ħielsa tar-rieda, legalment vinkolanti, dwar l-istat finali ta' Nagorno-Karabakh;

- (c) jinkorporaw fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni klawnsoli u punti ta' riferiment dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fir-rigward tal-libertà tal-mezzi tax-xandir, tad-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni, tal-libertà ta' assoċjazzjoni u tal-libertà ta' għaqda, li jirriflettu l-prinċipji u d-drittijiet imnaqqa fil-Kostituzzjoni tal-Azerbajġan u l-ogħla standards internazzjonali u Ewropej, bit-tfassil, kemm hu possibbli, fuq l-oqfsa tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSKE li l-Azerbajġan impenja ruħu għalihom; jistiednu lill-gvern tal-Azerbajġan biex jimplementa dawn l-impenji; u jassiguraw li n-negożjati jikkunsidraw b'mod sħiħ il-bżonn li jitħarsu d-drittijiet u l-għajxien ta' persuni spustati fil-pajjiż tagħhom u tar-refuġjati;
- (d) iqisu li l-preżenza tal-UE fil-grupp Minsk tal-OSKE żżid l-involviment tal-UE fir-riżoluzzjoni tal-konflitt bejn l-Armenja u l-Azerbajġan;
- (e) jenfasizzaw fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni l-importanza li jiġu garantiti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini, inklużi d-dritt tal-għaqda u tal-assoċjazzjoni, u d-drittijiet tal-proprjetà privata, l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili, l-istat tad-dritt, il-għieda kontinwa kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu politiku u l-indipendenza tal-mezzi tax-xandir u tal-ġudikatura;
- (f) jenfasizzaw, fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, l-importanza li r-Repubblika tal-Azerbajġan tikkonforma bis-sħiħ mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;
- (g) jenfasizzaw, fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, l-importanza kruċjali tal-libertà ta' espressjoni għall-avversarji politiċi u jenfasizzaw li relazzjonijiet aktar profondi mal-UE huma bbażati fuq il-kundizzjoni li l-awtoritajiet tal-Azerbajġan jirrispettaw l-istat tad-dritt, jiżguraw proċessi ġusti għall-priġunieri kollha u r-rilaxx mhux kondizzjonat ta' dawk kollha li ġew arrestati fuq akkużi motivati politikament;
- (h) jassistu kemm teknikament kif ukoll finanzjarjament lill-parlament tal-Azerbajġan biex jiżviluppa b'mod sħiħ il-funzjonijiet, il-korpi u s-servizzi kostituzzjonali tiegħu inkluża interazzjoni mtejba mas-soċjetà ċivili;
- (i) jappoġġjaw programmi ta' għajnuna għall-iżvilupp li għandhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għixien tar-refuġjati u tal-persuni spustati fl-Azerbajġan;

- (j) jinkorporaw fil-ftehim klawnsoli dwar il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, b'konformità mal-Linji gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem;
- (k) jagħtu viża lir-Rapporteur Speċjali tal-PACE dwar il-Priġunieri Politiċi sabiex ikun jista' jżur lill-pajjiż bi qbil mal-mandat tiegħu;
- (l) jesprimu tħassib dwar iż-żieda fin-numru ta' arresti ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u attivisti żgħażaġh, id-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-NGOs u l-partiti politiċi fir-rigward tar-reġistrazzjoni kif ukoll l-intimidazzjoni u r-restrizzjonijiet tal-libertà tal-espressjoni, tal-għaqda u fuq l-internet, kif ukoll jitwaqqfu kriterji ta' referenza f'dawn l-oqsma, u b'sospensjoni tal-ftehim jekk dawn il-kriterji ta' referenza ma jintlaħqux;
- (m) iħeġġu lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan biex jadottaw leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità ta-ġeneri fi kwalunkwe qasam;
- (n) iwasslu l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni f'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta dwar Reazzjoni Mġedda għal Viċinat li qed Jinbidel, b'hekk jippermettu li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Azerbajġan iwettqu monitoraġġ intern tar-riformi u l-impenji tal-gvern, u jassiguraw li l-gvern jinżamm aktar responsabbli għalihom;
- (o) jassiguraw il-koerenza tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-prinċipji tal-liġi internazzjonali – b'mod partikolari, dawk definiti fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u fl-Att Finali ta' Helsinki fosthom li jirrinunċjaw għall-użu tal-forza, l-integrazzjoni territorjali u d-dritt għall-awtrodeterminazzjoni – u li l-Ftehim, la darba jkun konkluż, japplika għat-territorju sħiħ tal-Azerbajġan;
- (p) jsaħħu l-kapaċità tal-Unjoni Ewropea rigward ir-risoluzzjoni tal-konflitt u l-medjazzjoni u jadottaw rwol aktar attiv u effettiv fir-rigward tat-tkattir tal-fiduċja bejn il-partijiet fil-konflitt, inkluż billi jassistuhom permezz ta' proġetti tal-bini tal-fiduċja ffinanzjati mill-UE bl-għan li jiżdied l-appoġġ popolari għal konċessjonijiet konġunti u għal soluzzjoni paċifika; jenfasizzaw il-ħtieġa ta' aċċess mingħajr kondizzjonijiet għar-rappreżentanti tal-UE għal Nagorno-Karabakh u r-reġjuni okkupati tal-madwar; jinsistu li l-UE għandha tiegħu rwol aktar b'saħħtu fis-soluzzjoni tal-kunflitt f'Nagorno-Karabakh billi tappoġġa l-implimentazzjoni ta' miżuri għat-tkattir tal-fiduċja li jqarrbu l-komunitajiet Armeni u Azerbajġani u jxerrdu l-idea ta' paċi, rikonċiljazzjoni u fiduċja fost in-naħat kollha involuti;
- (q) jilqgħu x-xogħol li sar mill-Kopresidenti tal-Grupp ta' Minsk tal-OSKE u mill-partijiet biex isir progress lejn ftehim dwar il-Prinċipji Bażiċi u jaraw li din il-ħidma titkompla; jenfasizzaw li kemm l-Azerbajġan kif ukoll l-Armenja għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed fil-format tal-Grupp ta' Minsk favur it-twaqqif u l-konsolidazzjoni ta' risoluzzjoni paċifika għall-kunflitt ta' Nagorno-Karabakh tiġi implimentata bis-sħiħ u f'waqtha; jikkunsidraw parteċipazzjoni diretta u aktar attiva tal-UE fil-Grupp ta' Minsk;
- (r) jistiednu lill-mexxejja tal-Armenja u tal-Azerbajġan biex jaġixxu b'mod responsabbli, jimmoderaw it-ton tal-istqarrijiet tagħhom u jevitaw dikjarazzjonijiet provokatorji sabiex iwittu t-triq għal dialogu ġenwin fil-livelli kollha tas-soċjetà sabiex il-pubbliku jaċċetta u jifhem b'mod sħiħ il-benefiċċji ta' ftehim komprensiv, b'hekk iwittu t-triq għal miżuri li



b'mod effettiv ikattru l-fiduċja;

- (s) jesprimu tħassib dwar iż-żieda tal-preżenza militari fir-reġjun u b'mod partikolari dwar l-ispejjeż militari għolja tal-Azerbajġan u jitolbu, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri biex ma jibqgħux jipprovdu armi u munizzjon lill-Azerbajġan u lill-Armenja, b'konformità mat-talba tal-OSKE ta' Frar 1992 sakemm jintlaħaq u jiġi ffirmat ftehim komprensiv bejn iż-żewġ partijiet;
- (t) jenfasizzaw il-ħtieġa li għandu jkumpli jsir dak kollu li huwa possibbli fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant għal tqarrib politiku u ekonomiku bejn l-Armenja u l-Azerbajġan, li għandu jinkludi fih ir-riżoluzzjoni tal-kunflitt reġjonali bħala komponent integrali;
- (u) jenfasizzaw li mijiet ta' eluf ta' refuġjati u persuni spustati internament li ħarbu minn djarhom matul il-gwerra ta' Nagorno-Karabakh jew minħabba fiha għadhom spustati u m'caħħda mid-drittijiet tagħhom, inkluż id-dritt li jirritornaw, id-drittijiet tal-proprjetà u d-dritt għas-sigurtà personali – dawk id-drittijiet għandhom ikunu rispettati u mogħtija mingħajr kundizzjoni jew telf ta' żmien; jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu u jestendu l-assistenza u l-appoġġ finanzjarju tal-UE lill-Azerbajġan biex ikun jista' jindirizza s-sitwazzjoni tal-persuni spustati;
- (v) jenfasizzaw il-ħtieġa li jintuża l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bħala bażi biex jiġu promossi sinerġiji u kooperazzjoni reġjonali, jenfasizzaw l-interazzjoni reċiproka bejn l-iżvilupp demokratiku pluralista u r-riżoluzzjoni tal-konflitt, u jiżguraw li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jkun fih dispożizzjonijiet li jinkoraġġixxu l-faċilitajiet tal-viża għall-persuni kollha mill-pajjiżi tal-Kawkasu tan-Nofsinhar;
- (w) jiċċaraw kif għandu jiġi sfruttat il-livell sostanzjali ta' komplementarjetà bejn l-inizjattivi varji tal-UE fir-reġjun, jiġifieri s-Sħubija tal-Lvant u s-Sinerġija tal-Baħar Iswed;
- (x) jistiednu lit-Turkija tieħu rwol kostruttiv fir-riżoluzzjoni tal-kunflitt ta' Nagorno-Karabakh u fil-qadi tar-responsabbiltà tagħha f'dak ir-reġjun;
- (y) jiżguraw li l-komponent tal-kummerċ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jista' jiġi aġġornat għal Żona Komprensiva u Approfondita ta' Kummerċ Ħieles hekk kif l-Azerbajġan jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa, inkluż li jingħaqad mad-WTO u jwettaq l-impenji tiegħu fir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u għal dan il-għan, jipprovdu l-għajnuna teknika meħtieġa biex jippreparaw lill-Azerbajġan għan-negozjati u jinkoraġġixxu l-adozzjoni tar-riformi meħtieġa;
- (z) jinsistu mal-Azerbajġan sabiex jirratifika l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;
- (aa) jassiguraw negozjati dwar faċilitazzjoni tal-viża u ftehimiet ta' riammissjoni sabiex jiġu promossi kuntatti bejn il-persuni u sabiex il-mobilità taż-żgħażaġh u tal-akkademiċi tiġi trattata bħala prijorità; jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, u jassiguraw li d-dispożizzjonijiet dwar l-ażil jkunu kompletament konformi mal-obbligi u l-impenji internazzjonali u mal-istandards tal-UE, b'mod speċjali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

- (a) jenfasizzaw l-importanza li jinbena u jiġi żviluppat settur taż-żgħażaġh b'saħħtu u jilqgħu f'dan ir-rigward id-diversi programmi tal-istat li joffru boroż ta' studju għal studju barra mill-pajjiż;
- (ac) iħeġġu lill-Azerbajġan biex ma jostakolax il-ħruġ ta' viżi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi ta' oriġini Armena li jixtiequ jidħlu fl-Azerbajġan u biex ineħħi l-projbizzjoni fuq it-telefonati internazzjonali lejn l-Armenja;
- (ad) jinkoraġġixxu kooperazzjoni settorjali wiesgħa bejn l-UE u l-Azerbajġan, u b'mod partikolari, jispjegaw il-benefiċċji u jippromwovu l-konverġenza regolatorja u jipprovdu l-għajnuna teknika meħtieġa għal dan il-għan;
- (ae) iħeġġu lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan iħaffu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjonijiet Prinċipali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO);
- (af) ikatru t-trasparenza fl-immaniġġjar tal-finanzi pubbliċi u titjib fil-leġiżlazzjoni tal-akkwist pubbliku sabiex jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv favur tmexxija tajba u teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti; jilqgħu, f'dan ir-rigward, il-parteċipazzjoni tal-Azerbajġan fl-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi li għandha l-għan li żżid it-trasparenza fir-rigward tad-dħul miż-żejt u l-gass u tissorvelja l-konformità tal-gvern tal-Azerbajġan mal-obbligu tiegħu li jirrilaxxa informazzjoni dwar il-finanzi pubbliċi skont il-leġiżlazzjoni dwar id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni;
- (ag) jieħdu l-azzjoni neċessarja sabiex fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jinkorpora dispożizzjonijiet li jippermettu li l-Azerbajġan jipparteċipa fi programmi u aġenziji tal-Komunità, bħala għodda li tippromwovi integrazzjoni Ewropea f'kull livell;
- (ah) jilqgħu r-riformi mwettqa mill-awtoritajiet tal-Azerbajġan fil-ġudikatura, bl-għan li tkun żgurata indipendenza ikbar tal-imħallfin, jitjiebu l-proċeduri tal-għażla u tal-ħatra, jiġu eliminati l-korruzzjoni ġudizzjarja u s-suxxettibbiltà għall-inflwenza tal-eżekuttiv; jirrikonoxxu li l-liġijiet rilevanti, inkluż il-liġi dwar it-Tribunal, ikunu ġew adottati; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet responsabbli biex ikomplu jimplimentaw il-leġiżlazzjoni biex jiġġieldu kontra l-korruzzjoni u jiffokaw fuq każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli kif ukoll itejbu b'mod sinifikanti t-trasparenza tal-infiq pubbliku u tal-finanzjament tal-partiti politiċi; jenfasizzaw il-ħtieġa tat-titjib tal-indipendenza, l-effiċjenza u r-riżorsi tal-ġudikatura; itennu l-importanza li s-sistema tal-qorti tiffunzjona mingħajr interferenza politika; jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi stabbilit rekord konvinċenti tal-għażla u l-ħatra ta' mħallfin u prosekuturi tal-istat ibbażati fuq l-applikazzjoni ta' kriterji uniformi, trasparenti, oġġettivi u li japplikaw fuq livell nazzjonali u sabiex jinbena rekord ta' infurzar ta' prosekuzzjonijiet u kundanni li fuqu jista' jiġi mkejjeil il-progress; jitolbu għall-unifikazzjoni tal-ġurisprudenza sabiex tiġi żgurata sistema ġudizzjarja prevedibbli kif wkoll il-fiduċja tal-pubbliku;
- (ai) jistabbilixxu programmi ta' ġemellaġġ mar-reġjuni u l-komunitajiet lokali tal-UE b'minoranzi nazzjonali li qed jesperjenzaw livell għoli ta' awtonomija;
- (aj) jenfasizzaw il-bżonn ta' ekonomija sostenibbli, anke bit-tiżiħ tad-diversifikazzjoni tagħha; jippromwovu aktar ftuħ u trasparenza fis-settur tal-enerġija u jassiguraw li l-iżvilupp tiegħu jiġi esegwit skont standards ambjentali internazzjonali; jappoġġjaw l-

iżvilupp ta' suq tal-enerġija rinnovabbli; jenfasizzaw il-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni ambjentali korrispondenti;

- (ak) jenfasizzaw l-importanza tal-Azerbajġan fid-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija u tar-rotot tal-kunsinna tagħhom lill-Ewropa; ifakkru f'dan ir-rigward fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kunsinna tal-gass tat-13 ta' Jannar 2011 f'Baku mill-President tal-Kummissjoni Ewropea José Manuel Barroso u l-President tal-Azerbajġan İlham Aliyev bħala pass importanti fir-realizzazzjoni tal-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar, u jfaħħar l-isforzi tal-Azerbajġan għall-promozzjoni ta' proġetti pijunieri bħall-pajplajns ta' Baku-Tbilisi-Ceyhan u ta' Baku-Tbilisi-Erzurum bħala t-twertiq tal-Proġett AGRI;
- (al) jenfasizzaw l-importanza tal-pożizzjoni ġeografika unika tal-Azerbajġan li tippermetti konnessjoni ta' tranżitu diretta u mingħajr ostakli bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali; jilqgħu l-isforzi biex tiġi żviluppata kooperazzjoni dwar it-tranżitu Transkaspjan mal-Kazakistan u biex jiġu esplorati modi sabiex tiġi stabbilita kooperazzjoni bħal din mat-Turkmenistan; jilqgħu l-mandat tal-Kunsill iffirmit fit-12 ta' Settembru 2011 biex jiġi konkluż ftehim legalment vinkolanti bejn l-UE, l-Azerbajġan u t-Turkmenistan dwar il-pajplajn Transkaspjan;
- (am) jiżguraw li l-UE tagħti attenzjoni kontinwa għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni tal-enerġija mal-Azerbajġan kif ukoll appoġġ sostenibbli; jipprovdu assistenza teknika lill-aġenzija tal-Istat tal-Azerbajġan tas-Sorsi tal-Enerġija Alternattivi u Rinnovabbli sabiex l-Azerbajġan jiġi mgħejjun jiddiversifika r-riżorsi tal-enerġija tiegħu, jipromwovi l-effiċjenza enerġetika u jsir konformi mal-oġġettivi tal-UE dwar it-tibdil fil-klima;
- (an) isibu modi kif jinkoraġġixxu d-djalogu u l-kooperazzjoni reġjonali mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ bħaċ-Ċentru Ambjentali Reġjonali (REC) permezz ta' proġetti transkonfinali li jinvolvu lill-NGOs, lill-komunitajiet lokali u lill-partijiet interessati tal-Armenja, tal-Azerbajġan u tal-Ġeorġja;
- (ao) jinkorporaw, fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, dimensjoni parlamentari qawwija li twassal għall-involvement sħiħ tal-Milli Mejlis u tal-Parlament Ewropew u ssaħħaħ il-ħidma tal-Assemblea Parlamentari Euronest;
- (ap) jinvolvu b'mod sħiħ lill-Parlament Ewropew fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni; jistabbilixxu punti ċari ta' riferiment għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u jipprovdu mekkaniżmi ta' monitoraġġ, inkluż il-preżentazzjoni ta' rapporti regolari lill-Parlament Ewropew;
- (aq) jipprovdu assistenza finanzjarja u teknika speċifika lill-Azerbajġan sabiex jassiguraw li hu jkun jista' jissodisfa l-impenji li ġejjin min-negożjati dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu, billi jkomplu joffru programmi komprensivi għall-bini tal-istituzzjonijiet;
- (ar) jinkoraġġixxu lit-tim tan-negożjati tal-UE sabiex ikompli jikkoopera mal-Parlament Ewropew, billi jipprovdi informazzjoni kontinwa, sostnuta bid-dokumentazzjoni, dwar il-progress tan-negożjati, skont l-Artikolu 218(10) tat-TFUE, li jiddikjara li l-Parlament għandu jinżamm informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura;

- (as) ikomplu jinkoraġġixxu livell profond ta' kooperazzjoni mas-Sħubija tal-Lvant u fi h'danha, kif ukoll jinfurmaw lill-Parlament Ewropew dwar il-progress tagħha b'mod regolari;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni li fiha r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Azerbajġan.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.3.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 59 -: 0 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pino Arlacchi, Frieda Brepoels, Tarja Cronberg, Mário David, Michael Gahler, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Richard Howitt, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jäätteenmäki, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Mario Mauro, Kyriakos Mavronikolas, Francisco José Millán Mon, María Muñoz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Ria Oomen-Ruijten, Ioan Mircea Pașcu, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Fiorello Provera, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, György Schöpflin, Werner Schulz, Marek Siwiec, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Boris Zala
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Laima Liucija Andrikiienė, Nikolaos Chountis, Corina Crețu, Andrew Duff, Knut Fleckenstein, Kinga Gál, Emilio Menéndez del Valle, Nadezhda Neynsky, Marietje Schaake, Alf Svensson, Traian Ungureanu, Ivo Vajgl, Janusz Władysław Zemke
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marije Cornelissen, Leonidas Donskis, Jörg Leichtfried